# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 434/2014 JVC**

**Domenica Grech u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2019 l-atti gew legittimati f'isem Grazia Corrente (ID Taljana AT 8666999), Rosaria Corrente (ID Taljana AT 8263274) u Gaetana Coniglio, Carmelo Corrente, Carmela Rosaria Corrente u Rita Corrente li jigu mart u wlied id-defunt Anastasio Corrente u dan stante l-mewt ta' Domenica Grech fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Antonio Ruggier**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Domenica Grech kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Illi l-esponenti hija l-propjetarja tal-fond 91 u 92 Triq Melita, gia' Triq Brittania, Valletta, mixtri minn zewgha Deodato Grech waqt iz-zwieg permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-26 ta' Jannar 1962 minn-Nutar Antonio Galea, kopja **Dok A** u dana kwantu ghal nofs indiviz in kwantu formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti stabbilit miz-zwieg taghha mieghu fis-27 ta' Dicembru 1961 (kopja certifikat taz-zwieg anness bhala **Dok B**) u n-nofs l-iehor in kwantu eredi ta' zewgha in forza tat-testment tieghu ricevut minn Nutar Giuseppe Sammut fit-29 ta' Gunju 1971, kopja **Dok C** liema testment gie modifikat b'testment iehor ricevut mill-istess Nutar fit-12 ta' Lulju 1971, kopja **Dok D.**

Illi bis-sahha tat-Tieni Artikolu tac-citat testment tat-12 ta' Lulju 1971, zewgha Deodato Grech kien halla:

> *"b'titolu ta' legat in propjeta wara mewtu fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) lin-neputi tieghu Antonio Ruggier, bin oht it-testatur Erminia Ruggier u fil-proporzjon tar-rimanenti terz (1/3) lil Paolo Mercieca, impjegat fl-azienda taht imsemmija, l-azienda maghrufa bhala Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory situata fis-sede bin-numru wiehed u disghin (91) u tnejn u disghin (92) Triq Brittania, Valletta, inkluz l-avviament, l-isem socjali, il-makkinarju u l-attrezzzi u ghodod kollha ivi esistenti kif ukoll il-van tal-istess azienda, il-manufatturati ossia boros jew karta ohra gia processata jew*

*stampata esistenti fl-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur kif ukoll is-somma ta' hames telef lira (£5000) sterlina biex l-istess legatarji jakkwistaw minghand l-eredi infraskritt stokk ta' karta f'rombli jew xort'ohra, kartun, spag, kolla u linka. It terz mill-imsemmija azienda u somma ghall-istock imholli lil Paolo Mercieca fuq imsemmi qieghed jigi hekk imhobbli b'sens ta' rikonioscenza, stima u kumpens ta' hafna snin ta' servizz fedelissimu illi l-istess Mercica ippresta lit-testatur fit-tmexxija u gestioni ta' l-istess azienda. L-istess legat ma jinkludix debiti u krediti ta' l-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur u lanqas capitali u depoziti li jista' jkun hemm f'isem l-imsemmija azienda f'Banek u imkejjen ohra kif ukoll il-beni fejn tigi gestita l-imsemmija azienda. Il-legatarji ta' dana l-lascitu jkunu obbligati jhallsu fil-porzjoni ta' zewg terzi l-imsemmi Ruggier Antonio u fil-proporzjon ta' terz l-imsemmi Paolo Mercieca bhala kondizjoni sine qua non tal-konsegwiment ta' dan il-legat somma ta' hames mitt lira (£500) fis-sena lill mart it-testatur Domenica Grech nee Corrente b'titolu ta' vitalizzju tul hajjitha sia jekk l-azienda tibqa gestita fl-imsemmi fond 91/92 Triq Brittania, Valletta sia f'kull post iehor. It-testatur jimponi ukoll bhala kondizzjoni ghal konsegwiment ta' dana l-legat illi l-legatarji jakkwistaw kull stock ta' krata u affarijiet ohra in stock bil-prezz fatturat (invoiced value) li jkun fadal ghand l-eredi infraskritta wara li jinqatghu il-hames telef lira (£5000) fil-gurnata tal-mewt tat-testatur".*

Illi b'kuntratt ippubblikat minn Nutar George Bonello Du Puis fit-13 ta' Gunju 1972, l-esponenti Domenica Grech immittiet il-legatarji Antonio Ruggier u Paolo Mercieca fil-pussess ta' dan il-legat. Kopja hija anessa bhala **Dok E;**

Illi ghal habta tas-snin 1975/1976 Antonio Ruggier kien akkwista s-sehem ta' Paolo Mercieca fl-azienda u baqa' jiggestixxi l-azienda wahda u beda jhallas il-vitalizzju kollu lill-esponenti;

Illi Antonio Ruggier ilu xi snin ma joperax izjed mil-fond 91 u 92 Triq Melita (qabel Triq Brittania), Valletta liema fond ma ghadux jintuza izjed ghal skop industrijali ta' manifattura ta' boros u *toilet paper* u huwa ghal kollox abbandonat kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni. Jidher ukoll li l-azienda m'hiex qeghda tigi gestita minn xi fond iehor;

Illi l-esponenti talbet lil Antonio Ruggier jikkonsenja il-fond 91 u 92 Triq Melita Valletta kemm b'ittra datata 13 ta' Gunju 2012, kopja **Dok F,** kif ukoll b'ittra ufficjali numru 1281/2013 tas-6 ta' Mejju 2013, kopja annessa bhala **Dok G** izda baqa' inadempjenti

**Ghaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:**

(a) Tiddikjara u tikkonferma ghal kull buon fini u a skans ta' kull dubju illi l-esponenti Domenica Grech hija l-propjetarja assoluta tal-fond 91 & 92 Triq Melita, qabel Triq Brittania, Valletta.

(b) Tistabilixxi illi l-intimat Antonio Ruggier abbanduna il-fond 91 u 92 Triq Melita, qabel Triq Brittania, Valletta u li l-azienda *Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory* ma ghadhiex tigi operata u gestita mil-istess fond jew minn xi fond iehor.

(c) Tordna li l-intimat Antonio Ruggier ghandu jaghti lura l-pussess tal-istess fond lill-esponenti wara li jbattlu minn

hwejjgu u ghaldaqstant tordna l-isgumbrament tieghu mil-fond fi zmien qasir u perentorja li jogghobha tistabillixxi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Antonio Ruggier kif isegwi:

**I.** 'Illi, in linea preliminari, u ghal finijiet tal-ewwel talba attrici kif dedotta, l-attrici ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-interess guridiku taghha f'din l-istanza, u konsegwentement tat-titolu taghha fuq il-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta;

**II.** Illi fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li l-esponent abbanduna l-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta – liema fondi ghadhom jintuzaw mill-istess esponent sal-gurnata tallum – u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

**III.** Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, ma kienx soggett ghall-kondizzjoni li l-azjenda maghrufha bhala *Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory* tibqa' tigi gestita unikament mill-istess imsemmija fondi – kif pretiz mill-attrici f'din l-istanza – tant illi, skond l-istess imsemmi testment, il-vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ekwivalenti llum il-gurnata

ghal €1,164.68, pagabbli mill-esponent lill-attrici, kellu jibqa' hekk pagabbli anke jekk l-imsemmija azjenda tibda' tigi gestita minn fondi ohrajn, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

**IV.** Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, minkejja li l-esponent tpogga fl-impossibilita' li jibqa' jopera l-azjenda maghrufha bhala *Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory* unikament minn gewwa l-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, peress illi l-awtoritajiet kompetenti rrifjutaw li jgeddu l-permessi rikjesti ghal dan l-iskop, dan wahdu ma jintitolax lill-attrici li titlob l-izgumbrament tal-esponent mill-istess imsemmija fondi, billi l-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-istess fondi, kien, ghadu, u jibqa' veljanti, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

**V.** Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, jista' jintilef biss fic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi, senjatament fl-Artikolu 378 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), liema cirkostanzi ma jirrizultawx fil-kaz odjern, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

**VI.** Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-legat imholli lill-esponent mid-decujus Deodato

Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju 1971, konsistenti, fost ohrajn, fl-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, kien soggett biss ghal zewg kondizzjonijiet, kif indikat fl-istess imsemmi testment, ossija li jigi akkwistat l-istock bil-prezz fatturat, u li jithallas vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm 500), ekwivalenti llum il-gurnata ghal €1,164.68, mill-esponent lill-attrici tul hajjitha kollha – liema zewg kondizzjonijiet gew u ghadhom qieghdin jigu osservati mill-esponent sal-gurnata tallum – u mhux ukoll, ghalhekk, ghal kondizzjonijiet ohrajn, kif pretiz mill-attrici f'din l-istanza, nkluz li l-azjenda *Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory* tibqa' tigi gestita, u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti jimmeritaw illi jigu michudha;

**VII.** Illi, fil-meritu, izda minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, minkejja li, fir-rikors guramentat promutorju taghha, l-attrici tallega li l-esponent ilu snin ma joperax mill-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta, l-istess attrici xorta wahda baqghet sallum taccetta l-hlas tal-vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ekwivalenti llum il-gurnata ghal €1,164.68, minghand l-esponent (**DOK: A)**, kif kontemplat fit-testment tat-12 ta' Lulju 1971, liema accettazzjoni tammonta ghal rinunzja cara ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni li seta' talvolta kellha l-istess attrici ghall-izgumbrament tal-esponent mill-fondi in kwistjoni abbazi tal-allegazzjoni li l-esponent m'ghadux jopera mill-istess imsemmija fondi, u ghalhekk it-tielet talba attrici kif dedotta timmerita li tigi michduha;

**VIII.** Illi, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu michudha, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

**IX.** Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi'.

Rat l-affidavits, xiehda, kuntratti, ritratti, dokumenti, kontro-ezamijiet u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi bid-digriet tad-9 ta' Mejju, 2019 a fol. 236 u fol. 237 tal-process din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li l-atti jigu legittimati f'isem Grazia Corrente, Rosaria Corrente kif ukoll Gaetana Coniglio, Carmelo Corrente, Carmela Rosaria Corrente u Rita Corrente minnflok fl-attrici Domenica Grech li giet nieqsa fil-mori tal-kawza ai termini tal-Artikolu 806 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Mejju, 2019 il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom b'termini mposti fuqhom;

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Dicembru, 2019 ir-rikors gie differit ghad-decizjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti ssostni li hija l-proprjetarja tal-fond bin-numru 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta liema fond inxtara minn zewgha Deodato Grech waqt iz-zwieg. Tghid li hija proprjetarja tal-fond in kwantu ghal nofs indiviz gej mill-komunjoni tal-akkwisti stabbilit biz-zwieg u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor gej mill-wirt u successjoni ta' zewgha in forza ta' zewg testmenti datati 29 ta' Gunju, 1971 u 12 ta' Lulju, 1971 entrambi fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut. L-attrici ssostni li l-konvenut abbanduna l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, Valletta liema fond kien jintuza ghal skop industrijali ta' manifattura ta' boroz u toilet paper. L-attrici ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara u tikkonferma li hija l-proprjetarja tal-fond 91 u 92 ta' Triq Melita, Valletta, tistabbilixxi li l-konvenut Antonio Ruggier abbanduna l-fond u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-fond billi jaghti lura l-pussess u jbattal hwejgu u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit.

Illi da parti tieghu l-konvenut preliminarjament eccepixxa li fir-rigward l-ewwel talba, l-attrici ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-interess guridiku taghha u tat-titolu fuq il-fond 91 u 92 fi Triq Melita, Valletta. Fil-mertu eccepixxa *inter alia* li m'huwiex minnu li huwa abbanduna l-fond 91 u 92 ta' Triq Melita, Valletta liema fond skonthu ghadu jintuza sal-gurnata tal-llum u ghalhekk it-tieni u t-tielet attrici jimmeritaw li jigu michuda. Il-konvenut eccepixxa li l-legat imholli lilu mid-decujus Deodato Grech permezz tat-testment tat-12 ta' Lulju, 1971 konsistenti, fost ohrajn, fil-uzu u fl-uzufrutt tal-fondi citati ma kienx suggettt ghall-kundizzjoni li l-azjenda Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory tibqa gestita unikament mill-imsemmi fondi, tant li fit-testment hemm indikat li l-vitalizzju jibqa jithallas anke jekk l-azjenda tibda tigi gestita minn fondi

ohra. Il-konvenut isostni li huwa tpogga fl-impossibilita' li jahdem mill-fond stante li l-awtoritajiet irrifjutaw li jgeddu l-permessi rikjesti ghal dan l-iskop izda dan wahdu ma jintitolax lill-attrici li titlob l-izgumbrament billi l-legat kien, ghadu u jibqa veljanti. Eccepixxa wkoll illi l-legat jista jintilef biss fic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi, senjatament fl-Artikolu 378 et sequitur tal-Kodici Civili liema cirkostanzi ma jirrizultawx fil-kaz odjern. Skont il-konvenut dan il-legat kien suggett biss ghal zewg kundizzjonijiet u cioe' i) li jigi akkwistat l-istock bil-prezz fatturat; u ii) li jithallas vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) liema zewg kundizzjonijiet l-konvenut jeccepixxzi li ghadhom jigu osservati sal-gurnata tallum. Jghid li l-attrici baqghet taccetta l-hlas tal-vitalizzju annwali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) kif kontemplat fit-testment liema accettazzjoni tammonta ghal rinunzja cara ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni li seta' talvolta kellha l-istess attrici ghall-izgumbrament. Finalment eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u jimmeritaw illi jigu michuda.

**<u>Eccezzjoni preliminari – L-attrici trid tipprova l-interess guridiku u t-titolu fuq il-proprjeta':</u>**

Illi l-konvenut Antonio Ruggier eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attrici Domenica Grech u konsegwentament tat-titolu fuq il-fond imsemmi liema eccezzjoni taqra kif isegwi:

> 'Illi, in linea preliminari, u ghal finijiet tal-ewwel talba attrici kif dedotta, l-attrici ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-interess guridiku taghha f'din l-istanza, u konsegwentement tat-titolu taghha fuq il-fondi ossija 91 u 92, Triq Melita, Valletta;'

Bhala principju legali dwar l-interess guridiku ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-27 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet **Nazzareno Spiteri et -vs- Karl Busuttil et** fejn inghad illi:

> '18. Huwa risaput li biex attur jistitwixxi kawza jrid ikollu l-interess. Skont id-dottrina u l-gurisprudenza nostrana, l-interess gie definit bhala "la misura dell'azione" u "point d'interet point d'action". L-interess irid ukoll ikun (1) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta' dritt u ta' vjolazzjoni tieghu; (b) dirett fis-sens li jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief fil-kaz tal-azzjoni popolari; u (c) attwali, fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."[1]'

Illi mill-atti jirrizulta li l-provenjenza tat-titolu tal-attrici fuq il-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta jidderiva minn zewg sorsi. Il-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta gie originarjament akkwistat minn Deodato Grech permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Jannar, 1962 fl-atti tan-Nutar Antonio Galea (a fol. 6 sa fol. 10 tal-process) u dan meta gia kien mizzewweg lill-attrici. Jirrizulta li Deodato Grech izzewweg lill-attrici Domenica Grech gewwa Sqallija nhar is-27 ta' Dicembru, 1961 (ara certifikat taz-zwieg a fol. 11 tal-process) u ghalhekk

---

[1] **John Muscat et v. Rachelle Buttigieg et**, Prim'Awla, (Imh, Albert Manche) 27.03.1990. Fl-occhio ta' din il-kawza l-attrici tidher indikata hekk: "Erminia Roberta Buttigieg ghal kull interess li jista' jkollha". Il-konvenuti eccipew in-nuqqas tal-interess guridiku fil-konfront taghha u l-Qorti laqghet tali eccezzjoni.

xahar qabel ma' gie akkwistat il-fond mertu tal-kawza odjerna. Dan ifisser li l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Deodato Grech u l-attrici Domenica Grech.

Jirrizulta wkoll illi Deodato Grech miet fil-21 ta' Dicembru, 1971 u rregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut datati 29 ta' Gunju, 1971 u 12 ta' Lulju, 1971 fejn fost diversi legati halla bhala werrieta universali tieghu lil martu Domenica Grech. Fit-tieni artikolu tat-testment tat-12 ta' Lulju, 1971 it-testatarju rregola l-posizzjoni relatata mal-azjenda u avvjament maghruf bhala Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory li kien sitwat fil-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta kif isegwi:

> 'It-testatur Deodato Grech ihalli b'titolu ta' legat konsegwibili in proprieta wara mewtu fil-proporzion ta zewg terzi (2/3) lin-neputi tieghu Antonio Ruggier bin oht it-testatur Erminia Ruggier u fil-proporzion tar-rimanenti terz (1/3) lill-Paolo Mercieca impiegat fl-Azienda hawn taht imsemmija, l-azienda maghrufa 'Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory' situata fis-sede bin-numru wiehed u disghajn (91) u tnejn u disghajn (92) Triq Britannia Valletta, inkluz l-avviament, l-isem socjali, il-makkinarju u l-attrezzi u ghodod kollha ivi ezistenti kif ukoll il-van tal-istess azienda, il-manifatturati ossia boroz jew karta ohra gia processata jew stampata esistenti fl-istess azienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur kif ukoll is-somma ta hames telef lira (£5000) sterlina biex l-istess legatarju jakwistaw minghand l-eredi infraskritti stock ta karta f'rombli jew xorta ohra, kartun, spag, kolla u linka. It-terz mill-imsemmi azienda u

somma ghall-istock imholli lill-Paolo Mercieca fuq imsemmi qeghed jigi hekk imholli b'sens ta rikonoscenza, stima u kumpens ta hafna snin ta servizz fedelissimu illi l-istess Mercieca ippresta lit-testatur fit-tmexxija u gestioni ta l-istess azienda. **L-istess legat ma jinkludix debiti u crediti ta l-istess azzienda fil-gurnata tal-mewt tat-testatur u lanqas capitali u depositi li jista jkun hemm f'isem l-imsemmija azienda f'Banek u imkejjen ohra kif ukoll il-beni fejn tigi gestita l-imsemmija azienda.** Il-legatarji ta dana l-lascitu jkunu obbligati jhallsu fil-porzioni ta zewg terzi l-imsemmi Ruggier Antonio u fil-proporzion ta terz l-imsemmi Paolo Mercieca bhala kondizioni sive qua non tal-konsegwiment ta dana l-legat somma ta hames mitt lira (£500) fis-sena lill-mart it-testatur Domenica Grech nee' Corrente b'titolu ta vitalizzju tul hajjitha sia jekk l-azienda tibqa tigi gestita fl-imsemmi fond 91/92 Triq Britannia, Valletta sia f'kull post iehor. It-testatur jimponi ukoll bhala kondizioni ghal-konsegwiment ta dana l-legat illi l-legatarji jakwistaw kull stock ta karta u affarijiet ohra in stock bil-prezz datturat (invoiced value) li jkun fadal ghand l-eredi infraskritta wara li jinqatghu il-hames telef lira (£5000) fil-gurnata tal-mewt tat-testatur.' (**enfazi tal-Qorti**)

Illi fl-imsemmi legat indikat fit-tieni artikolu gew eskluzi diversi beni fosthom '…il-beni fejn tigi gestita l-imsemmija azienda'. Dan ifisser li l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta gie eskluz mill-legat u huwa proprjeta' tal-werrieta universali u cioe' tal-attrici Domenica Grech u llum tal-eredi taghha b'dana li l-interess guridiku jirrizulta li gie ampjament pruvat.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad din l-ewwel eccezzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali:</u>**

Illi din il-Qorti sejra tezamina principalment zewg punti li jemergu mill-pretensjonijiet attrici u mid-difiza tal-konvenut ghall-kawza odjerna u cioe':

i) jekk il-legat originarjament imholli lill-konvenut Antonio Ruggier u Paolo Mercieca kienx wiehed ta' uzu u uzufrutt tal-fond bin-numru 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta; u

ii) jekk da parte tal-konvenut Antonio Ruggier kienx hemm l-abbandun tal-fond 91 u 92 Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta. Din il-Qorti sejra tibda billi tittratta l-kwistjoni jekk il-fond thalliex b'titolu ta' uzu u uzufrutt lil Antonio Ruggier. Jekk jirrizulta dan, din il-Qorti tipprosegwi billi taghmel ezami tal-mod kif uzufrutt jispicca b'mod specjali tal-abbandun (li huwa wiehed mill-modi elenkati fil-Ligi) kontemplat fl-Artikolu 378 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Min-naha l-ohra, jekk ma jirrizultax li l-fond thalla b'titolu ta' uzu u uzufrutt, l-abbandun tal-fond xorta jigi mistharreg pero' mhux taht il-kappa tal-jedd ta' uzufrutt.

**<u>Uzu w uzufrutt tal-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta:</u>**

Illi fit-testment tat-12 ta' Lulju, 1971 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut (a fol. 15 sa fol. 17 tal-process) l-mejjet Deodato Grech fit-Tieni Artikolu tieghu kien halla lill-konvenut Antonio Ruggier u lil Paolo Mercieca:

> '…l-azienda maghrufa 'Saint George's Paper Bag u Toilette Paper Factory' situata fis-sede bin-numru wiehed u disghajn

> (91) u tnejn u disghajn (91) Triq Britannia Valletta, inkluz l-avviament, l-isem socjali, il-makkinarju u l-attrezzi u ghodod kollha ivi ezistenti…'.

It-testatur f'dan il-legat assolutament ma semma xejn dwar uzu u uzufrutt fuq il-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta, anzi pjuttost eskluda mill-legat '…il-beni fejn tigi gestita l-imsemmija azienda'. L-Artikolu 330 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) dwar kif jigi stabbilit l-jedd ta' uzufrutt jipprovdi li:

> '(1) L-użufrutt jiġi stabbilit jew mil-liġi jew mir-rieda tal-bniedem; f'dan it-tieni każ, jekk l-użufrutt hu ta' ħwejjeġ immobbli, ma jistax jiġi magħmul ħlief b'att pubbliku, u, jekk hu magħmul b'att inter vivos, ma jibdiex iseħħ, rigward it-terzi, ħlief mill-waqt li l-att jiġi insinwat fir-Reġistru Pubbliku, fuq talba ta' wieħed mill-interessati jew tan-nutar li jkun irċieva l-att.'

Fir-rigward il-jedd ta' uzu fl-Artikolu 390 tal-Kodici Civili jinghad illi:

> 'Il-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni ma jistgħux jiġu mogħtija lis-sid ħlief b'att pubbliku, u dawn il-jeddijiet ma jibdewx iseħħu kontra t-terzi qabel ma l-att jiġi iskritt fir-Reġistru Pubbliku, fuq talba ta' waħda jew oħra mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun irċieva l-att. In-nota tal-iskrizzjoni tal-att għandha ssir skontid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).'

Fil-kaz prezenti, l-konvenut Antonio Ruggier jallega li l-mejjet Deodato Grech fit-Tieni Artikolu hallilu l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta taht titolu ta' uzu u uzufrutt (ara wkoll f'dan is-sens ir-risposta guramentata a fol. 31 sa fol. 34 tal-process). Fit-termini tal-Ligi, uzufrutt stabbilit mir-rieda tal-bniedem u fuq hwejjeg immobbli (bhal fil-kaz prezenti) jrid jigi maghmul b'att pubbliku. L-istess fir-rigward il-jedd ta' uzu. F'dan il-kaz, minn imkien f'dan it-Tieni Artikolu jew f'parti ohra tat-testment tat-12 ta' Lulju, 1971 ma jinsab imnizzel li l-fond inghata b'uzu u uzufrutt. Lanqas jista jinghad li l-fond inghata b'kera, l-ghaliex il-konvenut innifsu meta gie mistoqsi in kontro-ezami fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru, 2016 (a fol. 172 sa fol. 180 tal-process) ikkonferma li lill-attrici, apparti l-vitalizzju, ma kienx itiha kera. D'altronde lanqas m'huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina ulterjorment taht liema titolu, jekk kien jezisti titolu, l-konvenut kien qieghed igawdi l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta. Li jinteressa lil din il-Qorti huwa jekk il-fond inghatax taht titolu ta' uzu u uzufrutt, li ma jidhirx li huwa l-kaz.

Dan premess, jigi nnutat li fit-Tieni Artikolu tat-testment sucitat, it-testatur halla kundizzjoni ta' vitalizzju ta' hames mitt lira (Lm500) fis-sena pagabbli lill-martu Domenica Grech, liema vitalizzju kellu jibqa' jithallas irrispettivament jekk l-azienda tibqax tigi gestita mill-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta jew le. Fil-fehma ta' din il-Qorti minn qari u analizi tal-artikolu tat-testment koncernat l-vitalizzju ta' hames mitt lira (Lm500) gie ordnat mit-testatur li jithallas b'konnessjoni u in kumpens tal-legat tal-azienda u l-avvjament kif desrkitt fit-testment u ma kienx intiz li jorbot il-fond immobbli mertu tal-kawza odjerna tant hu hekk li l-fond minn fejn din kienet tigi

gestita gie specifikatament eskluz mit-testatur. Il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-interpretazzjoni li l-konvenut jittanta jaghti lil dan l-artikolu partikolari fit-testment.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu relatati mal-uzu u uzufrutt tal-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta.

**<u>Abbandun da parte tal-konvenut Antonio Ruggier tal-fond 91 u 92 Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta:</u>**

Illi fir-rigward l-abbandun tal-fond 91 u 92 Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta, il-konvenut innifsu jikkonferma li l-azienda Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory ilha ma topera mill-fond mertu tal-kawza odjerna sa mill-1975 ossia hamsa u erbghin sena (45) ilu pero' beda jaghmel '…il-frames go fiha biex nirriplejsjaw xi spejjez.' (ara fol. 172 sa fol. 180 tal-process). Il-konvenut jikkonferma wkoll li l-azjenda ilha li waqfet topera kompletament anke mill-fond gewwa Attard ghal aktar minn ghoxrin (20) sena. Dan gie wkoll ikkonfermat minn iben l-konvenut Kenneth Ruggier (a fol. 155 sa fol. 163 tal-process) li stqarr li l-fond kien jintuza bhala mahzen ghall-ewwel tal-frames u sussegwentament bdew jahdmu l-frames billi jqattawhom u jnizzluhom lesti.

Jikkonfermaw l-istat ta' abbandun tal-fond 91 u 92 Triq Melita, Valletta kien hemm ukoll ir-residenti tal-blokk ta' appartamenti li jigu soprastanti l-fond mertu tal-kawza odjerna. Bhala xiehda tressqu r-residenti tal-appartament bin-numru 3 u cioe' Jesmond u Mary Rose konjugi Cutajar (ara xiehda a fol. 75 sa fol. 77 u fol. 72 sa fol. 74 tal-process rispettivament). Tressqet ukoll Maria Fenech

(a fol. 81 sa fol. 83 tal-process) li hija r-residenti tal-appartament bin-numru 4 u binha Stephen Fenech (a fol. 84 sa fol. 86 tal-process) li jinghad li fid-data tad-deposizzjoni ma kienx ghadu jirrisjedi ma' ommu. Ix-xiehda kollha gew ikkontroezaminati u bazikament dak li hareg kemm mid-deposizzjoni u mill-kontro-ezami kien li llkoll ikkonfermaw li l-fond m'ghadux ikun miftuh. Madanakollu jinghad li meta gew mistoqsija dwar kemm ilhom jaraw il-fond maghluq, ilkoll kienu evazivi fit-twegiba taghhom u huwa evidenti li ma ridux jaghtu data, lanqas wahda approssimattiva.

Xehdet imbaghad Anna Maria Navarro (a fol. 78 sa fol. 80 tal-process) ir-residenti tal-appartament bin-numru 1 fl-istess blokk ta' Triq Melita, Valletta. Hija spjegat illi l-genituri taghha kien ilhom jghixu fil-fond imsemmi mis-sena 1949 u kkonfermat li twieldet u ghexet dejjem hemm. Ix-xhud kienet cara u diretta fid-deposizzjoni taghha fejn spjegat li l-azjenda ta' Saint George's Paper Bag and Toilette Paper Factory kienet ilha snin ma topera mill-fond mertu tal-kawza odjerna, filwaqt li l-fond kien jintuza bhala store tal-frames. Din il-Qorti thoss li huwa utili li tigi kkwotata d-deposizzjoni taghha fejn tghid is-segwenti:

'***Dr. Peter Caruana Galizia : -***
Isfel fil-garaxx u fejn hemm dan il-bieb iz-zghir 91 u 92 tista' tghidilna x'tiftakar li kien isir hemm gew?
***Xhud – Anna Maria Navarro : -***
I recall a paper bag factory kienet St George's Pater bag factory …. U ghamlet hemm a number of years, pero' nahseb ilhom li telqu minn hemm over 20 years I would say, if I am not mistaken; nispera li I am remembering well! I know li ilha hafna li telqet bhala paper bag factory, but than Mr

Ruggier – Antoine Ruggier and his sons they used to use it bhala store for frames. They had a skop St John's Street u kienu juzawh as a store ..

***Dr. Peter Caruana Galizia : -***

Fejn izommu l-injam ..

***Xhud – Anna Maria Navarro : -***

Fejn izommu l-injam they used to ..

***Dr. Peter Caruana Galizia : -***

U frames ta' l-inkwatri qed nghidu hawn.

***Xhud – Anna Maria Navarro : -***

That's right ehe, frames ta' l-inkwatri.

***Dr. Peter Caruana Galizia : -***

U dan kemm ilu jigifieri li kienu juzawh bhala store?

***Xhud – Anna Maria Navarro : -***

Nahseb ilu over 2 years or more ili ma' nara ebda movement jigifieri.'

In kontro-ezami (a fol. 130 sa fol. 131 tal-process) hija xehdet is-segwenti:

'***Dr. Sefora Agius :-***

Issa inti kemm ilek tghix fi Flat 1?

***Xhud – Maria Navarro:-***

Minn mindu twelidt. Ahna ilna nokkupawh minn 1949.

***Dr. Sefora Agius:-***

U kemm ilek tghix f'dan il-post tiftakar xi attivita' ghaddejja fin-91 – 91?

***Xhud – Maria Navarro :-***

Kien hemm paper bags factory li kienet immuvjat x'imkien barra l-Belt; ma niftakarx fejn. U kienet waqfet topera hemm hekk, pero' I believe baqghet topera fil-premises il-godda.

***Dr. Sefora Agius :-***

Imbaghad wara?

***Assistent Gudizzjarju :-***

When was this imma tiftakar iz-zmien?

***Xhud – Maria Navarro :-***

Over 20 years aga I would say, jigifieri.

***Dr. Sefora Agius :-***

Imbaghad wara x'gara?

***Xhud – Maria Navarro :-***

Imbaghad bdiet tintuza bhala store u ghal frames u affarijiet hekk.

…

***Dr. Sefora Agius :-***

U inti kont imma anke biex tara kontx tarhom ghaddejjin speci u jekk ghadekx tarhom?

***Xhud – Maria Navarro :-***

Le definitely, ilu zmien ma narhom jigifieri.'

Fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Frar, 2017 tressqet ukoll WPS Marline Vella mill-Ghassa ta' Birkirkara fejn ikkonfermat illi fl-isem Antonio Ruggier kien hemm permess fuq il-fond Factory 15 fi Industrial Estate, Attard bejn is-snin 1978 u 1996. Ix-xhud ma kinitx ingrad twiegeb jekk qabel l-1978 kienx hemm licenza ohra fuq l-istess isem fil-lokalita' tal-Belt Valletta. Hija esebiet kopja tal-licenza li giet immarkata bhala Dok MV 1 a fol. 194 tal-process. Sussegwentament fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Marzu, 2017 quddiem l-Assistant Gudizzjarju xedhet WPS Christbelle Mallia – stazzjonata l-Belt Valletta fejn qalet illi ma sabux records tas-sena 1978 u qabel. Bhala raguni qalet li d-dokumenti probabilment gew misplaced peress li mxew hafna minn ghassa ghal ohra.

Xehed ukoll Tarcisio Grech – impjegat li jahdem mal-familja Ruggier (a fol. 181 u fol. 182 tal-process) fejn stqarr li minn cirka s-

sena 1995 sal-llum il-fond mertu tal-kawza odjerna jintuza bhala store u jsiru l-frames. Meta sussegwentament gie kontro-ezaminat huwa qal li l-fond jintuza bhala store sabiex fih jinhazen il-merkanzija li tigi minn barra. Hekk qal fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru, 2016 illi:

'***Dr Alexander Schembri :***
Ghidilna ftit kemm ilek tahdem mal-familja Ruggier bejn wiehed u iehor?
***Xhud :***
Minn 1995 – 1996 bejn wiehed u iehor. Pero' bhala familja ilni nafhom iktar. …
***Assistant Gudizzjarju :***
St George's Paper Bag and Toilet Paper Factory qed nigi mistoqsi jekk niftakarhiex topera : u nghid
***Xhud :***
Iva niftakarha topera.
***Dr Alexander Schembri :***
U minn fejn tiftakarha topera?
***Xhud :***
Minn H' Attard.
***Dr Alexander Schembri :***
Il-proprjeta' 91, 92 Melita Street Valletta taf liema hi?
***Xhud :***
Iva.
***Dr Alexander Schembri :***
Gie li kont mort hemmhekk?
***Xhud :***
Iva
***Dr Alexander Schembri :***
U din il-proprjeta' minn cirka l-1995 sal-lum ghal xiex tintuza u minn min?

*Xhud :*
Tintuza bhala store u jsiru l-frames ukoll.
*Dr Alexander Schembri :*
Il-frames ghal xiex?
*Xhud :*
Jigu l-lasti ta' frames minn barra u affarijiet ohra; kienu npogguhom, fl-istores u nistivawhom; pero' hemmhekk kienu jsiru l-frames ukoll. Imbaghad itellghuhom u tehodhom il-hanut St John Street Valletta – Grech Art Studio.
*Dr Alexander Schembri :*
U f' dan il-perijodu minn 1995 sal-lum dan il-hanut Valletta qatt waqfet tintuza mis-sinjuri Ruggier kompletament?
*Xhud :*
L-istores dejjem baqa' jintuza. Pero' kien hemm perijodu minhabba kawza ohra u l-hanut ta' St John Street inghalaq minhabba l-kawza; inghalaq ghal perijodu ta' xi 8 years bejn wiehed u iehor
…
**Kontro ezami minn Dr Peter Caruana Galizia :**
*Xhud :*
Illum jintuza bhala stores zgur.
*Dr Peter Caruana Galizia :*
U x'jinhazen fih?
*Xhud :*
Merkanzija li tigi minn barra jkun hemm.'

**Is-seba' eccezzjoni:**

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-seba' eccezzjoni, u ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut fejn jargumenta li da parti tal-attrici baqghet taccetta l-vitalizzju malgrad li kienet taf li l-fabbrika kienet waqfet topera u kien biss wara li bdiet il-kawza li l-

vitalizzju beda jigi accettat minghajr pregudizzju. Jargumenta li dan kien jammonta ghal rinunzja cara ghal kwalunque dritt ta' azzjoni li seta talvolta kellha l-attrici ghall-izgumbrament.

Illi din il-Qorti ghall-ennezima darba sejra tikkwota mit-Tieni Artikolu tat-testment tat-12 ta' Lulju, 1971 u dana ghal kjarezza u sabiex ma jkunx hemm dubju. Illi fir-rigward l-hames mitt lira (Lm500) vitalizzju nghad illi:

> 'Il-legatarji ta' dana l-lascitu jkunu obbligati jhallsu fil-porzjoni ta' zewg terzi l-imsemmi Ruggier Antonio u fil-proporzjon ta' terz l-imsemmi Paolo Mercieca bhala kondizjoni sine qua non tal-konsegwiment ta' dan il-legat somma ta' hames mitt lira (£500) fis-sena lill mart it-testatur Domenica Grech nee Corrente b'titolu ta' vitalizzju tul hajjitha sia jekk l-azienda tibqa gestita fl-imsemmi fond 91/92 Triq Brittania, Valletta sia f'kull post iehor.'

Bid-dovut rispett il-kliem tat-testment appena kwotat huwa car u ma jaghti lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Il-vitalizzju huwa allacjat mal-azjenda u l-avvjament tal-fabbrika u mhux mal-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta. Illi ghalhekk anke jekk l-attrici Domenica Grech kienet qieghda taccetta l-vitalizzju bl-ebda mod ma kien ifisser rinunzja da parti taghha ghall-azzjoni ta' zgumbrament. Fuq rinunzja tacita nghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gauci -vs- MCL Ltd**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), nhar l-20 ta' Ottubru, 2003 illi:

> 'Illi biex ikun hemm il-kunsens taċitu hemm bżonn essenzjalment ta' żewġ rekwiżiti, cioe li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att

> li jingħad li huwa qiegħed taċitament jakkonsenti jew jaċċetta, u di piu' illi l-komportament tiegħu jkun tali li jkun inkonsiljabbli mal-volonta' tiegħu, b'mod li l-kondotta tiegħu ma tkunx tista' tiġi spjegata b'mod ieħor ħlief li huwa aċċetta l-operat li għalih ikun qed jiġi allegat li akkonsenta. Din l-aċċettazzjoni hija ta' stretta interpretazzjoni.'

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Filati Ltd -vs- Tramps Ltd,** deċiża fit-8 ta' Mejju 2003, qalet illi:

> 'ir-rinunzji huma di stretto diritto (meta ma humiex espressi) u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċepibbli ma konservazzjoni tad-dritt u li juru volonta' preċiża ta' rinunzja. Kwindi, ma jistax jiġi konkluż illi jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji ċari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Għandu jsegwi minn dan ukoll li jekk l-indizzju u l-fatti jħallu dubbju dwar il-volonta' tal-persuna dan għandu jittieħed kontra l-eżistenza tar-rinunzja.'

Maghdud ma' dak li gja nghad precedentament, fil-kaz odjern ma jirrizultax mill-provi migjuba illi kien hemm xi rinunzja tacita jew espressa min-naha tal-attrici waqt li kienet qieghda tircievi l-vitalizzju. Fl-ebda ħin ma kien hemm xi '*indizji ċari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet*' anzi ghandu jinghad li tant li l-attrici ma kinitx qieghda tirrinunzja ghall-izgumbrament illi minn dak li jirrizulta fl-atti hija kienet gia ntavolat kawza fl-istess ismijiet. Din il-Qorti ma tistax tippressuponi fuq xiex kienet il-kawza stante li l-ebda wahda mill-partijiet ma resqet provi taghha u malgrad li telghet tixhed fil-kawza odjerna Dr Yvette Borg bhala rapprezentanta tar-Registratur tal-Qorti minhabba nuqqas ta'

dettalji precizi ma kienx possibli ghaliha li ssib l-atti tal-kawza citata. Madanakollu din il-Qorti tifhem li da parte tal-attrici zgur li ma kienx hemm accettazzjoni tas-sitwazzjoni aktar u aktar tacita. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti sejra sabiex tghaddi u tichad din is-seba' eccezzjoni tal-konvenut.

Illi fid-dawl ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta kien abbandunat fil-mument li nfethet il-kawza odjerna kif jammettu l-istess intimat u ibnu u wkoll li l-azjenda moghtija b'legat li originarjament kienet topera minn dan il-fond ilha ghexieren ta' snin li waqqfet l-operat taghha w'ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost l-eccezzjonijiet kollha tal-attur ser jigu michuda.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tikkonferma li l-attrici kif legittimata fl-atti huma l-proprjetarji assoluti tal-fond bin-numru 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta;

3. Tilqa' t-tieni talba attrici u tistabbilixxi li l-intimat Antonio Ruggier abbanduna l-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta u li l-azjenda Saint George's Paper Bag

and Toilette Paper Factory m'ghadhiex tigi operata u gestita mill-istess fond jew minn xi fond iehor;

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-intimat Antonio Ruggier jaghti lura l-pussess tal-fond 91 u 92 fi Triq Melita, gja Triq Brittania, Valletta wara li huwa jbattal hwejjgu u ghaldaqstant tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond fi zmien massimu ta' xahrejn minn meta d-decizjoni odjerna ssir *res judicata.*

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu interament sopportati mill-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**